MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 114/2008

**A B**
**vs**
**C D sive E B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponenti zzewweg lil C D sive E B fis-sbatax (17) ta’ Mejju tas-sena elf, disa’ mija u sitta u tmenin (1986), fil-Knisja tal-Madonna ta’ Loreto, Gwardamangia, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha

impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

4. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19 (1) (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ Mejju tas-sena 1986, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta li permezz taghha hija ammettiet it-talba attrici “limitatament in kwantu l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat fit-termini tal-artikolu 19[1][d] u [f] tal-Kap.255;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-17 ta' Mejju 1986 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qeda taqbel li z-zwieg huwa null in bazi ghal difett fil-kunsens matrimonjali ta' l-attur fit-termini tal-paragrafi fuq imsemmija.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Mejju 1986 meta allura l-attur kellu 22 sena u l-konvenuta kellha 21 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin. Minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal. Wara konvivenza ta' numru ta' snin, il-partijiet isseparaw de facto, u l-attur mar jikkoabita ma' mara ohra, bl-isem XY li maghha ghadu jghix sa llum.

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, kif ukoll lil mara XY.

Jirrizulta li matul il-perijodu li fih l-attur kien johrog mal-konvenuta, huwa kien habib ma' XY; u tlett snin qabel iz-zwieg kien dahal f' relazzjoni ntima maghha ad insaputa tal-konvenuta, allura l-gharusa tieghu. L-attur kien ihobb hafna lil din il-mara [XY] u tlett snin qabel iz-zwieg huwa ried anke jittermina r-relazzjoni tieghu mal-konvenuta biex ikun jista' jikkonvivi ma' XY apertament, izda din kienet lahqet izzewget.

Illi r-ragel ta' XY kien jaghmel xhur shah fuq xoghol fil-Libja, u ghalhekk hi u l-attur kellhom hafna opportunita' sabiex jikkultivaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, dejjem ad insaputa tal-konvenuta. Jirrizulta li sa xaharejn qabel iz-zwieg ta' bejn l-attur u l-konvenuta, huma baqghu jkollhom relazzjonijiet intimi "spissi". L-attur jghid li meta zzewweg lill-konvenuta hu ma kienx ihobbha, izda kien izzewwigha, fl-ewwel lok, ghax dak iz-zmien XY, li kienet ghadha zghira hafna [dsatax-il sena] bezghet titlaq lil zewgha, u fit-tieni lok, ghax il-partijiet kienu marbutin bil-kuntratt ta' l-

akkwist tal-plot li huma hadu minghand l-Awtorita' tad-Djar li fi zmien tlett snin huma kellhom jibnuha u jmorru jghixu fiha.

Taht dawn ic-cirkostanzi, l-attur kien iddecieda li jkompli ghaddej biz-zwieg mal-konvenuta, nonostante li f' mohhu u f' qalbu kellu biss lil XY. Jirrizulta wkoll li ftit xhur wara z-zwieg, l-attur kien ta lil XY kelb tar-razza Alsation sabiex ikollu skuza li jmur ghandha kuljum biex johrog il-kelb. Inoltre, huwa kien iwassalha kuljum ghax-xoghol peress li kien joqghodu vicin xulxin. Kellu wkoll ic-cavetta tad-dar taghha.

Dan kollu kien qajjem suspett f' mohh il-konvenuta li pero' minn naha taghha ma haditx passi attivi. B' hekk kompliet u ssahhet ir-relazzjoni bejn din XY u l-attur, bir-rizultat inevitabbli li wara xi snin f' din il-hajja ta' tradiment, u wara li XY sseparat minn ma' zewgha u gabet l-annullament taz-zwieg taghha, huwa telaq lill-konvenuta u mar jghix maghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess tirrizulta cara l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat fil-konfront ta' l-attur. Mill-komportament tieghu, kemm qabel iz-zwieg, u senjatament mir-relazzjoni intima u qawwija li huwa kellu ma' XY, kif ukoll ftit xhur wara z-zwieg meta kompla u sahhah din ir-relazzjoni, allura extra matrimonjali, jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa eskluda l-obbligu tal-fedelta' lejn martu, essenzjali ghall-hajja konjugali. Ghalkemm esternament huwa ghadda minn cerimonja taz-zwieg, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda li fiz-zwieg u tul iz-zwieg hu jkun fidil lejn martu. Dan jivvizzja l-kunsens matrimonjali, u jirrendi null iz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-17 ta' Mejju 1986.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------